Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2020/0267(COD)

26.5.2021

EMENDI
335 - 499

Abbozz ta' rapport
Johan Van Overtveldt
(PE689.571v01-00)

Reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażat fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit

Proposta għal regolament
(COM(2020)0594 – C9-0305/2020 – 2020/0267(COD))

Emenda 335
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jista' jiġi eżentat*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) dwar il-forma dematerjalizzata, l-Artikolu 2(9) dwar it-trasferiment tal-ordnijiet, l-Artikolu 2(28) dwar il-kontijiet ta' titoli, l-Artikolu 3 dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-Artikolu 37 dwar l-integrità tal-ħruġ, l-Artikolu 38 dwar is-segregazzjoni tal-assi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm ***is-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT:	2. Fuq talba tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tista' tiġi eżentata*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) dwar il-forma dematerjalizzata, l-Artikolu 2(9) dwar it-trasferiment tal-ordnijiet, l-Artikolu 2(28) dwar il-kontijiet ta' titoli, l-Artikolu 3 dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-Artikolu 37 dwar l-integrità tal-ħruġ, l-Artikolu 38 dwar is-segregazzjoni tal-assi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm ***l-entità*** li ***tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 336
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-użu ta' forma dematerjalizzata jkun inkompatibbli ***mal-użu*** tad-DLT partikolari ***tiegħu***;	(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-użu ta' forma dematerjalizzata jkun inkompatibbli tad-DLT partikolari ***użata mis-CSD ikkonċernata***;

Or. en

Emenda 337
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-użu ta' forma dematerjalizzata jkun inkompatibbli mal-użu tad-DLT partikolari ***tiegħu***;	(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-użu ta' forma dematerjalizzata jkun inkompatibbli mal-użu tad-DLT partikolari ***implimentata***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-kuntest ta' approċċ aktar teknoloġikament newtrali dwar l-użu tad-DLTs.

Emenda 338
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipproponi miżuri ta' kumpens biex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u jiżgura tal-anqas:	(b) jipproponi miżuri ta' kumpens ***jew miżuri korrettivi*** biex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u jiżgura tal-anqas:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 339
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm:	***imħassar***
(a) dawn id-dispożizzjonijiet ikunu inkompatibbli mal-użu ta' DLT kif previst mid-DLT partikolari mħaddma mis-CSD ikkonċernat; kif ukoll	
(b) is-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jiżgura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c) sa (i) tal-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġu ssodisfati.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda delega tar-responsabbiltà fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet jew servizzi lil parti terza.

Emenda 340
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 ***u l-Artikolu 30*** tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm:	3. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***fir-rigward biss tal-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni lil parti terza, u mill-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament,*** sakemm:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 341
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm:	3. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***fir-rigward biss tal-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni lil parti terza, u mill-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament,*** sakemm:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. L-eżenzjoni mill-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha tiġi ristretta għall-esternalizzazzjoni tas-servizzi. Barra minn hekk, it-tħaddim minn CSD ta' SSS tad-DLT jista' ma jkunx ekwivalenti għat-tħaddim ta' "sistema". F'każ bħal dan, it-tħaddim ta' SSS tad-DLT ma jitqiesx bħala estensjoni tal-attivitajiet jew tas-servizzi skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014. B'riżultat ta' dan, tkun meħtieġa valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti tal-awtorizzazzjoni għat-tħaddim ta' SSS tad-DLT f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 342
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem s***istema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jista' jiġi eżentat*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 u l-	3. Fuq talba tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tista' tiġi eżentata*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 u l-

Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm:	Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 343
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) dawn id-dispożizzjonijiet ikunu inkompatibbli mal-użu ta' DLT kif previst mid-DLT partikolari mħaddma ***mis-CSD ikkonċernat***; kif ukoll	(a) dawn id-dispożizzjonijiet ikunu inkompatibbli mal-użu ta' DLT kif previst mid-DLT partikolari mħaddma ***mill-entità kkonċernata***; kif ukoll

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 344
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***is-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jiżgura*** li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c) sa (i) tal-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġu ssodisfati.	(b) ***L-entità li tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tiżgura*** li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c) sa (i) tal-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġu ssodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 345
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fuq talba tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jista' jiġi eżentat*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar il-parteċipanti u jista' ***jkollu*** permess ***jammetti*** bħala parteċipanti persuni fiżiċi u ġuridiċi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2(19), sakemm dawn il-persuni:	4. Fuq talba tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tista' tiġi eżentata*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar il-parteċipanti u jista' ***jkollha*** permess ***tammetti*** bħala parteċipanti persuni fiżiċi u ġuridiċi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2(19), sakemm dawn il-persuni:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 346
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) taw kunsens infurmat biex jiġu inklużi fir-reġim pilota previst f'dan ir-Regolament u jkunu ġew infurmati b'mod adegwat dwar in-natura sperimentali tiegħu u r-riskji assoċjati miegħu.

Or. en

Emenda 347
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jista' jiġi eżentat*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar is-saldu fi flus kontanti, sakemm ***is-CSD jiżgura*** kunsenja kontra ħlas.	5. Fuq talba tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tista' tiġi eżentata*** mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar is-saldu fi flus kontanti, sakemm ***l-entità tiżgura*** kunsenja kontra ħlas.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 348
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar is-saldu fi flus kontanti, sakemm is-CSD jiżgura kunsenja kontra ħlas.	5. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar is-saldu fi flus kontanti, sakemm is-CSD jiżgura kunsenja kontra ħlas.

Or. en

Emenda 349
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-saldu ***tal-ħlasijiet jista'*** jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.	Is-saldu ***tal-komponent ta' pagament għandu*** jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Is-saldu fil-bank ċentrali għandu jkun ir-rekwiżit ta' inadempjenza għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit għandha tkun possibbli biss f'każijiet fejn l-infrastruttura tas-suq tad-DLT rilevanti turi li dan il-metodu ta' saldu mhuwiex disponibbli u prattikabbli.

Emenda 350
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-saldu ***tal-ħlasijiet*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.	Is-saldu ***tal-komponent ta' pagament*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 351
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-saldu tal-ħlasijiet ***jista'*** jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.	Is-saldu tal-ħlasijiet ***għandu*** jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 352
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-SSS*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus. ***Meta s-saldu jsir permezz ta' tokens tal-flus elettroniċi għall-komponent ta' pagament, il-parteċipanti f'SSS tad-DLT jistgħu jifthu kontijiet direttament mal-SSS tad-DLT għall-finijiet tas-saldu tal-komponent ta' flus kontanti f'tokens tal-flus elettroniċi, jew inkella l-SSS tad-DLT u l-parteċipanti tagħha jistgħu jifthu kont ma' parti terza li tipprovdi servizzi relatati ma' tokens tal-flus elettroniċi. F'dawk il-każijiet, l-SSS tad-DLT jew il-parti terza għandha tkun l-emittent ta' tokens tal-flus elettroniċi u***

	għandha tiżgura li s-saldu tal-komponent ta' pagament isir f'tokens tal-flus elettroniċi. Peress li t-tokens tal-flus elettroniċi jistgħu jinħarġu biss minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi skont ir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, l-eżenzjoni prevista f'dan ir-Regolament fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar is-saldu tal-pagamenti tas-CSDR mhijiex intiża li teżenta lill-SSS tad-DLT, jew lil parti terza li toħroġ tokens ta' flus elettroniċi u tħallas il-komponent ta' pagament tat-tranżazzjonijiet tat-titoli permezz tal-kontijiet tagħha stess, mir-rekwiżiti tal-liċenzjar skont ir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni (l-Artikolu 5 jirrigwarda SSSs tad-DLT u mhux MTFs tad-DLT). Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiġi inkorporat il-punt 3.3.7 tal-Opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT tat-28 ta' April fir-rigward tas-saldu fl-EMTs.

Emenda 353
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju ***tal-kontroparti*** li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***is-CSD*** li jħaddem ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus***, filwaqt li jqis ukoll kwalunkwe riskju elenkat jew mhux elenkat tal-SSS tad-DLT bħala sistema għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE u tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 354
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju ***tal-kontroparti*** li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***is-CSD*** li jħaddem ***l-SSS*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus***, filwaqt li jqis ukoll kwalunkwe riskju elenkat jew mhux elenkat tal-SSS tad-DLT bħala sistema għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE u tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Meta s-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ikun qed jidentifika riskji li jirriżultaw mill-użu ta' flus tal-bank kummerċjali u mit-tokens tal-flus elettroniċi, għandu jqis ukoll jekk teżistix protezzjoni mill-insolvenza skont id-Direttiva 98/26/KE. Ara l-paragrafi 3.3.2 u 3.3.5 sa 3.4 tal-Opinjoni tal-BĊE.

Emenda 355
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus

elettroniċi, ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.	elettroniċi, ***is-CSD*** li jħaddem ***l-SSS*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.

Or. en

Emenda 356
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***id-ditta*** tal-investiment ***jew l-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT ***għandu jidentifika***, ***ikejjel***, ***jimmonitorja***, ***jimmaniġġja***, u ***jimminimizza*** kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***l-entità*** tal-investiment li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT ***għandha tidentifika***, ***tkejjel***, ***timmonitorja***, ***timmaniġġja***, u ***timminimizza*** kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 357
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fuq talba tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jista' jiġi eżentat*** mill-awtorità kompetenti mill-	6. Fuq talba tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tista' tiġi eżentata*** mill-awtorità kompetenti mill-

applikazzjoni tal-Artikolu 50 u/jew tal-Artikolu 53 dwar l-aċċess permezz ta' konnessjoni standard u l-aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm ***dan juri*** li l-użu ta' DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' dan l-aċċess lil CSD ieħor jew infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba d-daqs tas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.	applikazzjoni tal-Artikolu 50 u/jew tal-Artikolu 53 dwar l-aċċess permezz ta' konnessjoni standard u l-aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm ***din turi*** li l-użu ta' DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' dan l-aċċess lil CSD ieħor jew infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba d-daqs tas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 358
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 50 u/jew tal-Artikolu 53 dwar l-aċċess permezz ta' konnessjoni standard u l-aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm dan juri li l-użu ta' DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' dan l-aċċess lil CSD ieħor jew infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba d-daqs tas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.	6. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 50 u/jew tal-Artikolu 53 dwar l-aċċess permezz ta' konnessjoni standard u l-aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm dan juri li l-użu ta' DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' dan l-aċċess lil CSD ieħor jew infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba d-daqs tas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 359
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ikun talab eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu, dan għandu jagħti aċċess lil CSDs oħra li jħaddmu ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jew lil MTFs tad-DLT.	7. Meta CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ikun talab eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu, dan għandu jagħti aċċess lil CSDs oħra li jħaddmu ***SSS*** tad-DLT jew lil MTFs tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 360
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***ikun talab*** eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu, ***dan għandu jagħti*** aċċess lil ***CSDs*** oħra li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jew lil MTFs tad-DLT.	7. Meta ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tkun talbet*** eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu, ***din għandha tagħti*** aċċess lil ***entitajiet*** oħra li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jew lil MTFs tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 361
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jitlob*** eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 6, ***dan għandu*** fi kwalunkwe każ ***juri*** li:	Meta ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***titlob*** eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 6, ***din għandha*** fi kwalunkwe każ ***turi*** li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 362
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 6, dan għandu fi kwalunkwe każ juri li:	Meta CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 6, dan għandu fi kwalunkwe każ juri li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 363
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-eżenzjoni mitluba tkun proporzjonata għall-użu tad-DLT ***tagħha*** u ġġustifikata bih, u li;	(a) l-eżenzjoni mitluba tkun proporzjonata għall-użu tad-DLT ***partikolari użata mis-CSD ikkonċernat,*** u ġġustifikata bih, u li;

Or. en

Emenda 364
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-eżenzjoni mitluba tkun proporzjonata għall-użu ***tad-DLT tagħha*** u ġġustifikata bih, u li;	(a) l-eżenzjoni mitluba tkun proporzjonata għall-użu ***ta' DLT*** u ġġustifikata bih, u li;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali biex jiġi inkorporat approċċ aktar teknoloġikament newtrali.

Emenda 365
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mitluba tkun limitata għas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT u ma tkun testendi għall-ebda sistema ta' saldu tat-titoli oħra kif iddefinita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 imħaddma mill-istess ***CSD***.	(b) l-eżenzjoni mitluba tkun limitata għas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT u ma tkun testendi għall-ebda sistema ta' saldu tat-titoli oħra kif iddefinita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 imħaddma mill-istess ***entità***.

Or. en

Emenda 366
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mitluba tkun limitata ***għas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT u ma tkun testendi għall-ebda sistema ta' saldu tat-titoli oħra kif iddefinita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 imħaddma mill-istess CSD.	(b) l-eżenzjoni mitluba tkun limitata ***għall-SSS*** tad-DLT u ma tkun testendi għall-ebda sistema ta' saldu tat-titoli oħra kif iddefinita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 imħaddma mill-istess CSD.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 367
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta CSD ikun talab u ngħata eżenzjoni skont il-paragrafu 3, ir-rekwiżit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE biex l-Istati Membri jinnominaw u jinnotifikaw ***is-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma*** mis-CSD skont id-Direttiva 98/26/KE ma għandux japplika ***għas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT. Dan ta' hawn fuq ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jinnominaw u jinnotifikaw ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT skont id-Direttiva 98/26/KE meta ***s-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.	8. Meta CSD ikun talab u ngħata eżenzjoni skont il-paragrafu 3, ir-rekwiżit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE biex l-Istati Membri jinnominaw u jinnotifikaw ***l-SSS imħaddma*** mis-CSD skont id-Direttiva 98/26/KE ma għandux japplika ***għall-SSS*** tad-DLT. Dan ta' hawn fuq ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jinnominaw u jinnotifikaw ***SSS*** tad-DLT jew TSS tad-DLT skont id-Direttiva 98/26/KE meta ***l-SSS*** tad-DLT jew it-TSS tad-DLT jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 368
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta CSD ikun talab u ngħata eżenzjoni skont il-paragrafu 3, ir-rekwiżit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE biex l-Istati Membri jinnominaw u jinnotifikaw is-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma ***mis-CSD*** skont id-Direttiva 98/26/KE ma ***għandux japplika*** għas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT. Dan ta' hawn fuq ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jinnominaw u jinnotifikaw sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT skont id-Direttiva 98/26/KE meta s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.	8. Meta CSD ikun talab u ngħata eżenzjoni skont il-paragrafu 3, ir-rekwiżit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE biex l-Istati Membri jinnominaw u jinnotifikaw is-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma ***mill-entità*** skont id-Direttiva 98/26/KE ma ***għandhiex tapplika*** għas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT. Dan ta' hawn fuq ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jinnominaw u jinnotifikaw sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT skont id-Direttiva 98/26/KE meta s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 369
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Entità li mhijiex soġġetta għar-rekwiżiti applikabbli għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 fiż-żmien tal-applikazzjoni għal permess speċifiku

biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, għandha titħalla tapplika f'konformità mal-paragrafi 1 sa 8 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċeduri speċifiċi għal entitajiet li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proċedura rapida għall-entitajiet mhux awtorizzati bħala CSD bħala ż-żmien tal-applikazzjoni.

Emenda 370
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Fuq talba tiegħu, u f'konformità mal-Artikolu 7, CSD li jħaddem SSS tad-DLT jista' jħaddem ukoll MTF tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reċiproċità u kundizzjonijiet ekwi bejn l-MTFs tad-DLT u l-SSSs tad-DLT billi jipprovdu għal SSSs tad-DLT li jixtiequ jħaddmu MTF tad-DLT.

Emenda 371
Antonio Maria Rinaldi, Francesca Donato, Valentino Grant, Marco Zanni, Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.	Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. ***Fl-istess dokumentazzjoni trid tiġi inkluża d-dikjarazzjoni ta' privatezza li telenka l-operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa fl-infrastruttura tas-suq tad-DLT u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti fl-ipproċessar tad-data personali.*** Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.
	Or. it

Emenda 372
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera ***l-infrastruttura*** tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-	Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandhom joperaw ***l-infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT ***u l-operaturi tagħhom***, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-

infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.	obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni***, kwalunkwe miżura ta' protezzjoni mill-insolvenza fl-ambitu tad-Direttiva 98/26/KE*** u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Minn perspettiva ta' sorveljanza, il-finalità ta' saldu u r-riskji ta' insolvenza, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti, għandhom jiġu speċifikati u żvelati lill-parteċipanti fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 373
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja,	Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja,

il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.	il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni***, kwalunkwe miżura ta' protezzjoni mill-insolvenza fl-ambitu tad-Direttiva 98/26/KE*** u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tintegra r-rakkomandazzjoni fl-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 374
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.	Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni***, kwalunkwe miżura ta' protezzjoni mill-insolvenza fl-ambitu tad-Direttiva 98/26/KE*** u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 375
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 376
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom għandha topera l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.

Or. en

Emenda 377
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur*** tas-suq ***li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi*** regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.	2. ***L-operaturi tal-infrastrutturi*** tas-suq ***tad-DLT għandhom f'kull ħin jibqgħu kompletament responsabbli għas-servizzi u l-attivitajiet li jwettqu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tħaddim tad-DLT tagħhom. Huma għandhom jistabbilixxu*** regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni ***tar-riskju biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri u l-istabbiltà finanzjarja***. ***Meta l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jesternalizzaw parti mis-servizzi u mill-attivitajiet tagħhom, huma għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament***

(UE) Nru 909/2014 jiġu rrispettati b'mod shih, mutatis mutandis.

Or. en

Emenda 378
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.	2. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi***:***
	(a) regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni***; kif ukoll***
	(b) miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-insolvenza, fejn ma japplikawx miżuri ta' protezzjoni mill-insolvenza fl-ambitu tad-Direttiva 98/26/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 379
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.	2. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi ***jew jiddokumenta, kif xieraq,*** regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 380
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** MTF tad-DLT li ***jitlob*** eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***għandu jistabbilixxi*** regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li ***dan iħaddem***, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju	2. ***Meta jużaw DLT proprjetarja, entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ***entità*** li ***tħaddem*** MTF tad-DLT li ***titlob*** eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***għandha tistabbilixxi jew tiddokumenta, kif xieraq,*** regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li ***din tħaddem***, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-

inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.	ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota u newtralità teknoloġika fir-rigward tad-DLTs proprjetarji u pubbliċi.

Emenda 381
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi regoli dwar il-funzjonament tad-DLT ***li dan iħaddem***, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.	2. CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi ***jew jiddokumenta, kif xieraq,*** regoli dwar il-funzjonament tar-reġistru distribwit ***li dan juża***, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali u formulazzjoni li tirrifletti approċċ aktar teknoloġikament newtrali dwar l-użu tad-DLTs.

Emenda 382
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ***MTF*** tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi ***regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dan iħaddem, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.***	2. CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ***TSS*** tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014***, jew jiddokumenta, kif xieraq***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Hija tirristruttura l-Artikolu 6(2), u żżid li, minn perspettiva ta' sorveljanza, il-finalità ta' saldu u r-riskji ta' insolvenza, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti, għandhom jiġu speċifikati u żvelati lill-parteċipanti fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 383
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni; kif ukoll

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Hija tirristruttura l-Artikolu 6(2), u żżid li, minn perspettiva ta' sorveljanza, il-finalità ta' saldu u r-riskji ta'

insolvenza, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti, għandhom jiġu speċifikati u żvelati lill-parteċipanti fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 384
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-insolvenza, fejn ma japplikawx miżuri ta' protezzjoni mill-insolvenza skont id-Direttiva 98/26/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Hija tirristruttura l-Artikolu 6(2), u żżid li, minn perspettiva ta' sorveljanza, il-finalità ta' saldu u r-riskji ta' insolvenza, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti, għandhom jiġu speċifikati u żvelati lill-parteċipanti fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 385
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta entità li tħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT u entità li tħaddem MTF tad-DLT jużaw DLT pubblika u jitolbu eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dawn għandhom jiddeskrivu b'mod xieraq lill-awtorità kompetenti rilevanti l-funzjonament tad-DLT li jużaw, il-mod kif jindirizzaw kunflitti ta' interess potenzjali, u miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota u newtralità teknoloġika fir-rigward tad-DLTs proprjetarji u pubbliċi.

Emenda 386
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jipprovdu lill-membri, lill-parteċipanti, lill-emittenti u lill-klijenti tagħhom b'informazzjoni ċara u mhux ambigwa fuq is-sit web tagħhom dwar kif dawn iwettqu l-funzjonijiet, is-servizzi u l-attivitajiet tagħhom u kif dan it-twettiq ta' funzjonijiet, servizzi u attivitajiet ikun jiddevja minn MTF jew ***sistema ta' saldu tat-titoli***. Din l-informazzjoni għandha tinkludi t-tip ta' DLT użata.	3. L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jipprovdu lill-membri, lill-parteċipanti, lill-emittenti u lill-klijenti tagħhom b'informazzjoni ċara u mhux ambigwa fuq is-sit web tagħhom dwar kif dawn iwettqu l-funzjonijiet, is-servizzi u l-attivitajiet tagħhom u kif dan it-twettiq ta' funzjonijiet, servizzi u attivitajiet ikun jiddevja minn MTF jew ***SSS***. Din l-informazzjoni għandha tinkludi t-tip ta' DLT użata. ***Barra minn hekk, peress li l-persuni fiżiċi jistgħu jipparteċipaw direttament fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, jekk il-komponent ta' pagament tat-tranżazzjonijiet ta' titoli trasferibbli tad-DLT kellu jseħħ fuq il-kotba ta' persuna li mhijiex istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata, dan ikollu l-konsegwenza li l-kontijiet tal-flus miżmuma minn persuni fiżiċi, kif ukoll minn persuni ġuridiċi bħal intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, b'infrastrutturi tas-suq tad-DLT ma jibbenefikawx mill-protezzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti fl-ambitu tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, DGSD) u tal-preferenza tad-depożitant fl-ambitu tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-"BRRD"). Id-DGSD u l-preferenza tad-depożitant fl-ambitu tal-BRRD japplikaw biss għal depożiti fil-forma ta' bilanċ ta' kreditu li***

	jirriżulta minn fondi li jitħallew f'kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet bankarji normali u li istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tħallas lura. F'dan il-kuntest, l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jenħtieġ li jiżvelaw b'mod espliċitu lill-parteċipanti tagħhom li mhumiex protetti fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-DGSD u l-BRRD.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-punt 3.3.9 tal-opinjoni tal-BĊE dwar id-DLT tat-28 ta' April, huwa tal-akbar importanza fl-ispirtu ta' dispożizzjonijiet mtejba dwar il-protezzjoni għall-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja, li l-obbligu ta' divulgazzjoni tal-każijiet kollha fejn il-garanziji ta' depożitu jistgħu ma jkunux japplikaw isir espliċitu mal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Kumment editorjali.

Emenda 387
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandu jkollhom proċedura ta' riskju operazzjonali speċifika għar-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT u ta' kriptoassi u dwar kif dawn ir-riskji jiġu indirizzati jekk dawn jimmaterjalizzaw.	L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandu jkollhom proċedura ta' ***ġestjoni ta'*** riskju operazzjonali speċifika għar-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT u ta' kriptoassi u dwar kif dawn ir-riskji jiġu indirizzati jekk dawn jimmaterjalizzaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali għal kjarifika.

Emenda 388
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi, imsemmija fil-paragrafu 4, għandhom jiżguraw li l-fondi, il-kollateral u t-titoli trasferibbli tad-DLT imsemmija hawn fuq, kif ukoll il-mezzi ta' aċċess għal dawn l-assi, jiġu protetti mir-riskji ta' aċċess mhux awtorizzat, hacking, degradazzjoni, telf, attakk ċibernetiku ***jew*** serq.	L-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi, imsemmija fil-paragrafu 4, għandhom jiżguraw li l-fondi, il-kollateral u t-titoli trasferibbli tad-DLT imsemmija hawn fuq, kif ukoll il-mezzi ta' aċċess għal dawn l-assi, jiġu protetti mir-riskji ta' aċċess mhux awtorizzat, hacking, degradazzjoni, telf, attakk ċibernetiku**,** serq***, frodi, negliġenza jew malfunzjonijiet operazzjonali serji oħra***.

Or. en

Emenda 389
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jkun responsabbli fil-konfront tal-klijenti tiegħu għal kwalunkwe telf ta' fondi, kollateral u titoli trasferibbli tad-DLT, jew ta' mezzi ta' aċċess għal tali assi, li jirriżultaw minn aċċess mhux awtorizzat, hacking, degradazzjoni, telf, frodi, attakk ċibernetiku, jew minn serq jew negliġenza jew malfunzjonijiet serji oħra sa ammont li ma jaqbiżx il-valur tas-suq tal-assi mitlufa.* ***L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jistabbilixxi arranġamenti trasparenti u adegwati biex jiżgura l-protezzjoni tal-investitur u jipprovdi lill-klijenti mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u proċeduri għal kumpens jew rimedju f'każijiet ta' detriment għall-

investituri b'riżultat tal-ħsarat serji msemmija hawn fuq jew tal-waqfien tan-negozju minħabba kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 7(6), jew fl-Artikolu 8(6), kif xieraq.

L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jkollu stabbiliti salvagwardji prudenzjali suffiċjenti fil-forma ta' fondi proprji jew polza tal-assigurazzjoni kontra kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minn danni kkawżati lill-klijenti tiegħu minħabba kwalunkwe waħda mill-ħsarat serji msemmija hawn fuq u jiżgura l-protezzjoni tal-investitur.

Or. en

Emenda 390
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jistabbilixxi strateġija ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament għat-tranżizzjonar 'il barra minn infrastruttura tas-suq tad-DLT partikolari jew l-istralċ tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"istrateġija ta' tranżizzjoni"), lesta biex tiġi implimentata f'waqtha, fil-każ li l-permess jew xi wħud mill-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5 ikollhom jiġu rtirati jew inkella jitwaqqfu, jew fil-każ ta' kwalunkwe waqfien volontarju jew involontarju tan-negozju tal-MTF tad-DLT jew ***tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tistabbilixxi kif il-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u l-klijenti għandhom jiġu ttrattati, fil-każ ta' tali rtirar, diskontinwità jew waqfien. L-istrateġija ta' tranżizzjoni	6. L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jistabbilixxi strateġija ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament għat-tranżizzjonar 'il barra minn infrastruttura tas-suq tad-DLT partikolari jew l-istralċ tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"istrateġija ta' tranżizzjoni"***, inkluża t-tranżizzjoni jew it-treġġigħ lura tal-operazzjonijiet tad-DLT tagħhom għal infrastrutturi tradizzjonali,*** lesta biex tiġi implimentata f'waqtha, fil-każ li l-permess jew xi wħud mill-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5 ikollhom jiġu rtirati jew inkella jitwaqqfu, jew ***il-limiti previsti f'dan ir-Regolament ikunu ntlaħqu jew*** fil-każ ta' kwalunkwe waqfien volontarju jew involontarju tan-negozju tal-MTF tad-DLT jew ***tal-SSS*** tad-DLT. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tistabbilixxi kif il-membri, il-parteċipanti,

għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti li tat il-permess għat-tħaddim u għal eżenzjonijiet relatati skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5.

l-emittenti u l-klijenti għandhom jiġu ttrattati, fil-każ ta' tali rtirar, diskontinwità jew waqfien. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti li tat il-permess għat-tħaddim u għal eżenzjonijiet relatati skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Fil-każijiet kollha, iridu jiġu stabbiliti l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jitreġġgħu lura l-infrastrutturi tradizzjonali tas-suq, wara strateġija ċara ta' ħruġ u treġġigħ lura/tranżizzjoni.

Emenda 391
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Meta infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun awtorizzata taħdem b'eżenzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 7(1a) u l-Artikolu 8(1a), u ma tkunx applikat għal awtorizzazzjoni fl-ambitu tad-Direttiva 2014/65/UE jew fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tinkludi arranġamenti speċifiċi mas-CSDs awtorizzati fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat fl-aħjar interess tal-membri, tal-parteċipanti, tal-emittenti u tal-klijenti.
	CSDs awtorizzati fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom joffru li jikkonkludu tali arranġamenti b'mod mhux diskriminatorju bi ħlas ta' tariffa kummerċjali raġonevoli bbażata fuq l-

ispejjeż reali.

Or. en

Emenda 392
Antonio Maria Rinaldi, Francesca Donato, Valentino Grant, Marco Zanni, Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Meta l-attivitajiet relatati mal-funzjonament tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, trid tiġi ssodisfata mill-inqas waħda miż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(b) jew (c) tar-Regolament (UE) 2016/67.

Or. it

Emenda 393
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Persuna ġuridika awtorizzata jew bħala ditta tal-investiment jew biex topera suq regolat, skont id-Direttiva 2014/65/UE, tista' tapplika għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 394
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe persuna ġuridika li ma tkunx awtorizzata bħala ditta tal-investiment f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tista' tapplika għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni u mal-obbligi l-oħra kollha stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE, għajr dawk ir-rekwiżiti li minnhom l-applikant ikun ingħata eżenzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 395
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta persuna ġuridika tapplika għall-awtorizzazzjoni ta' operatur tas-suq jew ditta tal-investiment fl-ambitu tad-Direttiva 2014/65/UE u, fl-istess ħin, tapplika għal permess speċifiku fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, bl-iskop uniku li tħaddem MTF tad-DLT, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/65/UE li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab u ngħata eżenzjoni skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 396
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn ikun applikabbli, il-funzjonament tad-DLT ***proprjetarja tagħha*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	(c) fejn ikun applikabbli, il-funzjonament tad-DLT ***użata*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir għandu l-għan li jadotta approċċ aktar teknoloġikament newtrali u jippermetti lill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jużaw ukoll DLTs pubbliċi jew ta' konsorzji, kif użati attwalment f'ħafna proġetti pilota tal-UE (eż. il-ħruġ ta' bonds fuq Société Générale Forge ta' DLT pubblika). Irrispettivament mid-DLT użata, ir-responsabbiltà għall-funzjonament tad-DLT għandha tibqa' tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Emenda 397
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn ikun applikabbli, il-funzjonament tad-DLT ***proprjetarja tagħha*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	(c) fejn ikun applikabbli, il-funzjonament tad-DLT kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);

Or. en

Emenda 398
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) evidenza li l-applikant għandu stabbiliti biżżejjed salvagwardji prudenzjali biex jissodisfa l-obbligazzjonijiet tiegħu u jikkumpensa lill-klijenti tiegħu f'każ ta' ħsara serja fid-DLT, kif imsemmi fl-Artikolu 6(5b);

Or. en

Emenda 399
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) deskrizzjoni tal-arranġamenti biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri u l-mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u r-rimedju tal-konsumaturi, kif imsemmi fl-Artikolu 6a (ġdid);

Or. en

Emenda 400
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob skont l-Artikolu 4, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta kif ukoll il-mezzi previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4.	(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob skont l-Artikolu 4, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta kif ukoll il-mezzi previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 401
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT***, fil-każ ta' applikazzjoni minn istituzzjoni ta' kreditu, lis-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, u, fil-każijiet kollha,*** lill-ESMA, ***inkluża*** spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew korrettiva*** proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti. ***Barra minn hekk, meta applikant ikun beħsiebu jipprovdi kwalunkwe wieħed mis-servizzi ewlenin elenkati fit-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, qabel ma jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex iħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tibgħat l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet dwar il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mill-applikant. Awtorità rilevanti tista' tinforma lill-awtorità kompetenti bil-**

fehmiet tagħha fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenzi superviżorji prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE għandhom jiġu nnotifikati dwar il-proċess ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-forniment minn operatur ta' MTF tad-DLT ta' servizzi ta' CSD ewlenin għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Dan ir-rekwiżit huwa indirizzat b'mod impliċitu bl-introduzzjoni tal-kunċett tat-TSS tad-DLT. Madankollu, huwa rilevanti li jiġi speċifikat aktar f'din it-taqsima.

Emenda 402
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT***, fil-każ ta' applikazzjoni minn istituzzjoni ta' kreditu, lis-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, u, fil-każijiet kollha,*** lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti. ***Barra minn hekk, meta applikant ikun beħsiebu jipprovdi kwalunkwe wieħed mis-servizzi ewlenin elenkati fit-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, qabel ma jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex iħaddem MTF tad-***

DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tibgħat l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet dwar il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mill-applikant. Awtorità rilevanti tista' tinforma lill-awtorità kompetenti bil-fehmiet tagħha fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 403
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, ***l-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ***għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta*** mill-applikant ***jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti***.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament,***l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ***u, meta l-MTF tad-DLT tkun talbet permess biex tirreġistra u tissalda titoli f'konformità mal-Artikolu 4(2), għandha tinnotifika wkoll lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, u għandha tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet dwar il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma*** mill-applikant.

Or. en

Emenda 404
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 405
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Qabel ma*** tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi ***l-informazzjoni rilevanti kollha dwar*** l-MTF tad-DLT lill-ESMA***, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità***	3. ***Wara li*** tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi ***l-applikazzjoni biex tħaddem*** l-MTF tad-DLT lill-ESMA ***għall-finijiet ta' informazzjoni u sabiex tissodisfa l-obbligi stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(5)***.

kompetenti.

Or. en

Emenda 406
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi ***n-notifika***, l-ESMA għandha ***tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti*** dwar l-applikazzjoni u għandha ***tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni*** dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha ***wkoll*** tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. ***Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-hin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.***	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi ***l-applikazzjoni***, l-ESMA għandha ***toħroġ deċiżjoni*** dwar l-applikazzjoni u għandha ***tirrikjedi kwalunkwe miżura kompensatorja addizzjonali*** dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha ***tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju u*** tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandu jkollha mandat superviżorju dirett għas-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-reġim pilota u għall-għoti ta' permessi u eżenzjonijiet. Ċentralizzazzjoni lejn l-ESMA tiżgura l-konsistenza, l-effettività superviżorja u tevita l-kompetizzjoni superviżorja u l-frammentazzjoni tas-suq.

Emenda 407
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti ***b'opinjoni mhux vinkolanti*** dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom ***fl-opinjoni*** tagħha.	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti ***b'rakkomandazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010*** dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom ***fir-rakkomandazzjoni*** tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jkun hemm konverġenza, konsistenza u proporzjonalità ta' natura superviżorja fl-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni differenti madwar l-Unjoni, li jistgħu ma jaqsmux l-istess livell ta' għarfien prattiku fit-teknoloġija, u b'hekk jitrawmu l-istess kundizzjonijiet u jiġi skoraġġit l-arbitraġġ regolatorju, qed jiġi ssuġġerit li l-ESMA għandha toħroġ rakkomandazzjoni minflok opinjoni mhux vinkolanti.

Emenda 408
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-

awtorità kompetenti b'opinjoni ***mhux*** vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll ***tippromwovi*** l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.	awtorità kompetenti b'opinjoni vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll ***tassigura*** l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-proġett pilota u jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, l-opinjoni tal-ESMA dwar jekk għandhiex titħaddem l-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandha tkun vinkolanti.

Emenda 409
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ***lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq***	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ***entitajiet*** li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-

li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.	titoli tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 410
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tad-dritt tal-Unjoni, l-ESMA tista' tadotta linji gwida biex tispeċifika aktar il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjonijiet u tirrikjedi miżuri ta' kumpens, abbażi tal-esperjenza rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti u abbażi tal-opinjonijiet mhux vinkolanti tal-ESMA.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minbarra opinjonijiet mhux vinkolanti, l-ESMA tista' tkun tixtieq tadotta gwida addizzjonali fil-forma ta' linji gwida.

Emenda 411
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-permess speċifiku mogħti jew lil ***ditta tal-investiment jew lil operatur tas-suq*** biex ***iħaddem*** MTF tad-DLT ***għandu jkun validu*** fl-Unjoni kollha sa sitt snin mid-data tal-permess speċifiku. Huwa għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw, skont l-Artikolu 4.	5. Il-permess speċifiku mogħti jew lil ***entità*** biex ***tħaddem*** MTF tad-DLT ***għandha tkun valida*** fl-Unjoni kollha sa sitt snin mid-data tal-permess speċifiku. Huwa għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw, skont l-Artikolu 4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 412
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-permess speċifiku mogħti jew lil ditta tal-investiment jew lil operatur tas-suq biex iħaddem MTF tad-DLT għandu jkun validu fl-Unjoni kollha sa ***sitt*** snin mid-data tal-permess speċifiku. Huwa għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw, skont l-Artikolu 4.	5. Il-permess speċifiku mogħti jew lil ditta tal-investiment jew lil operatur tas-suq biex iħaddem MTF tad-DLT għandu jkun validu fl-Unjoni kollha sa ***erba'*** snin mid-data tal-permess speċifiku. Huwa għandu jispeċifika l-eżenzjonijiet li jingħataw, skont l-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 413
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha ***l-lista*** ta' MTFs tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi	L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha ***(a) il-lista*** ta' MTFs tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi

speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom.	speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom***, u (b) l-għadd totali ta' talbiet għal eżenzjonijiet li saru fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, li jindikaw l-għadd ta' eżenzjonijiet aċċettati jew irrifjutati flimkien mal-ġustifikazzjonijiet rispettivi, fuq bażi anonima***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-uniformità, it-talbiet għal permessi u eżenzjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet ġustifikati rispettivi għandhom isiru pubbliċi.

Emenda 414
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' MTFs tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom.	L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' MTFs tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom. ***Barra minn hekk, l-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha t-talbiet kollha għal eżenzjonijiet li jkunu saru fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tindika f'kull każ jekk l-ESMA tirrakkomandax li l-eżenzjoni tiġi aċċettata jew irrifjutata.***

Or. en

Emenda 415
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 u l-Artikolu 44 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku skont dan ir-Regolament għandha tirtira dan il-permess jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija, wara konsultazzjoni mal-ESMA, skont il-paragrafu 3, jekk tkun seħħet kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 u l-Artikolu 44 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku skont dan ir-Regolament għandha tirtira dan il-permess jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija, wara konsultazzjoni mal-ESMA, ***u tinforma lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u, fil-każ ta' permess speċifiku mogħti lil istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** skont il-paragrafu 3, jekk tkun seħħet kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 416
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 u l-Artikolu 44 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku skont dan ir-Regolament għandha tirtira dan il-permess jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija, wara konsultazzjoni mal-ESMA, skont il-paragrafu 3, jekk tkun seħħet kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 u l-Artikolu 44 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku skont dan ir-Regolament għandha tirtira dan il-permess jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija, wara konsultazzjoni mal-ESMA, ***u tinforma lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u, fil-każ ta' permess speċifiku mogħti lil istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** skont

	il-paragrafu 3, jekk tkun seħħet kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenzi ta' natura superviżorja prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE għandhom jiġu nnotifikati dwar il-proċess ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-forniment minn operatur ta' MTF tad-DLT ta' servizzi ta' CSD ewlenin għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 417
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT ***ikun kiser l-kundizzjonijiet*** marbuta mal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti;	(b) ***l-entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT ***tkun kissret*** il-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 418
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq,*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT ***ikun ammetta*** għan-negozjar ta'	(c) ***l-entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT ***tkun ammettiet*** għan-negozjar ta' strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-

strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3(2);

kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 419
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq,*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT, li ***talab*** eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***ikun irreġistra*** titoli trasferibbli tad-DLT li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3(2);	(d) ***l-entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT, li ***talbet*** eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***tkun irreġistrat*** titoli trasferibbli tad-DLT li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 420
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq,*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT, li ***jkun talab*** permess speċifiku biex jiġi eżentat mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***ikun qabeż*** il-limiti msemmija fl-Artikolu 3(3)	(e) ***l-entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT, li ***tkun talbet*** permess speċifiku biex jiġi eżentat mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***tkun qabżet*** il-limiti msemmija fl-Artikolu 3(3)

jew (5), it-tielet subparagrafu; jew	jew (5), it-tielet subparagrafu; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 421
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-awtorità kompetenti tkun saret konxja li ***d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li ***jkun applika*** għal permess speċifiku biex ***iħaddem*** l-MTF tad-DLT, ***ikun kiseb*** dan il-permess jew dawn l-eżenzjonijiet relatati abbażi ta' informazzjoni qarrieqa inkluż kwalunkwe ommissjoni materjali.	(f) l-awtorità kompetenti tkun saret konxja li ***l-entità*** li ***tkun applikat*** għal permess speċifiku biex ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT, ***tkun kisbet*** dan il-permess jew dawn l-eżenzjonijiet relatati abbażi ta' informazzjoni qarrieqa inkluż kwalunkwe ommissjoni materjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 422
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta waqt l-attività tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jkun iħaddem MTF tad-DLT jipproponi li jintroduċi bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tagħha, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-	7. Meta waqt l-attività tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jkun iħaddem MTF tad-DLT jipproponi li jintroduċi bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tagħha, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-

modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tagħha jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, dan għandu jitlob tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 4. Tali permess, eżenzjoni jew modifika għanda tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.	modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tagħha jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, dan għandu jitlob tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 4. Tali permess, eżenzjoni jew modifika għanda tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.

Or. en

Emenda 423
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta waqt l-attività tagħhom, ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li ***jkun iħaddem*** MTF tad-DLT ***jipproponi*** li ***jintroduċi*** bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tagħha, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tagħha jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, ***dan għandu jitlob*** tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 4. Tali permess, eżenzjoni jew modifika għanda tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.	7. Meta waqt l-attività tagħhom, ***entità*** li ***tkun tħaddem*** MTF tad-DLT ***tippproponi*** li ***tintroduċi*** bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tagħha, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tagħha jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, ***din għandha titlob*** tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 4. Tali permess, eżenzjoni jew modifika għanda tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 424
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta persuna ġuridika tapplika għal awtorizzazzjoni ta' CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u, fl-istess ħin, tapplika għal permess speċifiku skont dan l-Artikolu, bl-uniku skop li tħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li fir-rigward tagħhom l-applikant ikun talab u ngħata eżenzjoni skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 425
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-funzjonament tad-DLT ***proprjetarja tagħha*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	(c) il-funzjonament tad-DLT kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) ***u (2a)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Newtralità teknoloġika fir-rigward ta' DLTs proprjetarji u pubbliċi.

Emenda 426
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-funzjonament tad-DLT	(c) il-funzjonament tad-DLT kif

proprjetarja tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	imsemmi fl-Artikolu 6(2);

Or. en

Emenda 427
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-funzjonament tad-DLT ***proprjetarja*** tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	(c) il-funzjonament tad-DLT tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir għandu l-għan li jadotta approċċ aktar teknoloġikament newtrali u jippermetti lill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jużaw ukoll DLTs pubbliċi jew ta' konsorzji, kif użati attwalment f'ħafna proġetti pilota tal-UE. Governanza xierqa ta' kwalunkwe infrastruttura tas-suq hija importanti biex tiġi żgurata s-sikurezza u l-effiċjenza tagħha. Dan huwa saħansitra aktar importanti fil-każ ta' network tad-DLT, fejn entitajiet legali differenti jaqsmu r-responsabbiltà għal mill-inqas xi proċessi u data.

Emenda 428
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(da) evidenza li l-applikant għandu jistabbilixxi biżżejjed salvagwardji prudenzjali biex jiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur u deskrizzjoni tal-arranġamenti stabbiliti biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur u tal-mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u r-rimedju tal-**

konsumaturi, kif imsemmi fl-Artikolu 6a (ġdid);

Or. en

Emenda 429
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob, skont l-Artikolu 5, il-ġustifikazzjonijiet għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta kif ukoll il-miżuri previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5.	(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob, skont l-Artikolu 5, il-ġustifikazzjonijiet għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta kif ukoll il-miżuri previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 430
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. B'deroga mill-paragrafu 1, kwalunkwe persuna ġuridika li mhijiex awtorizzata bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tista' tapplika għal permess speċifiku biex tħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni u mal-obbligi

l-oħra kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014, b'mod proporzjonat għan-natura, għall-iskala u għar-riskji tan-negozju, għajr għal dawk ir-rekwiżiti li minnhom l-applikant ikun ingħata eżenzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 431
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***MTF*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***lill-ESMA flimkien ma'*** spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli tal-MTF*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u għandha tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet dwar il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mill-applikant u, fil-każ ta' applikazzjoni minn istituzzjoni ta' kreditu, għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha lis-superviżur prudenzjali, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, u, fil-każijiet kollha, mill-ESMA, inkluża*** spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti. ***Fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu n-notifika, l-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jistgħu jwieġbu lill-awtorità kompetenti, u l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti opinjoni mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe***

rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tqis il-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 432
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***MTF*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ***lill-ESMA flimkien ma'*** spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***SSS*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***l-SSS*** tad-DLT ***lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u għandha tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet dwar il-karatteristiċi tas-sistema*** ta' saldu tat-titoli ***mħaddma mill-applikant u, fil-każ ta' applikazzjoni minn istituzzjoni ta' kreditu, għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha lis-superviżur prudenzjali, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, u, fil-każijiet kollha, mill-ESMA, inkluża*** spjegazzjoni tal-

eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenzi superviżorji prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, kemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll il-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar l-awtorizzazzjoni u l-proċess ta' wara l-awtorizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma CSDs li jħaddmu SSSs tad-DLT. Barra minn hekk, il-forniment minn CSD li jħaddem SSS tad-DLT ta' servizzi ewlenin tas-CSD għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 433
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sistema*** ta' saldu tat-titoli ***tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità*** kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***sistema operattiva*** ta' saldu tat-titoli t***ad-DLT skont dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtorità*** kompetenti ***tal-Istat Membru tad-domiċilju u lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, u għandha tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet dwar il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mill-applikant***.

Or. en

Emenda 434
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***MTF*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 435
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***MTF*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***SSS*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***l-SSS*** tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali u korrezzjoni peress li l-Artikolu 8 jirrigwarda l-SSSs tad-DLT.

Emenda 436
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi ***n-notifika***, l-ESMA għandha ***tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti*** dwar l-applikazzjoni u għandha ***tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni*** dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha ***wkoll*** tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT madwar l-Unjoni. ***Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.***	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi ***l-applikazzjoni***, l-ESMA għandha ***toħroġ deċiżjoni*** dwar l-applikazzjoni u għandha ***tirrikjedi kwalunkwe miżura kompensatorja addizzjonali*** dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha ***tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju u*** tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 437
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, ***l-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jistgħu jwieġbu lill-awtorità kompetenti, u*** l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'opinjoni mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni u għandha

protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.

tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom fl-opinjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenzi superviżorji prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, kemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll il-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar l-awtorizzazzjoni u l-proċess ta' wara l-awtorizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma CSDs li jħaddmu SSSs tad-DLT. Barra minn hekk, il-forniment minn CSD li jħaddem SSS tad-DLT ta' servizzi ewlenin tas-CSD għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 438
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti permess speċifiku skont dan ir-Regolament, jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***u wara li tkun infurmat lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti permess speċifiku skont dan ir-Regolament, jekk

ikun hemm raġunijiet biex temmen kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenzi superviżorji prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, kemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll il-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar l-awtorizzazzjoni u l-proċess ta' wara l-awtorizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma CSDs li jħaddmu SSSs tad-DLT. Barra minn hekk, il-forniment minn CSD li jħaddem SSS tad-DLT ta' servizzi ewlenin tas-CSD għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 439
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti permess speċifiku skont dan ir-Regolament, jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***u wara li tkun infurmat lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti permess speċifiku skont dan ir-Regolament, jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 440

Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha ***l-lista*** ta' ***sistemi ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom.	L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha ***(a) il-lista*** ta' ***SSS*** tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom***, u (b) l-għadd totali ta' talbiet għal eżenzjonijiet li saru skont dan ir-Regolament, li jindikaw l-għadd ta' eżenzjonijiet aċċettati jew irrifjutati flimkien mal-ġustifikazzjonijiet rispettivi, fuq bażi anonima***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-uniformità, it-talbiet għal permessi u eżenzjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet ġustifikati rispettivi għandhom isiru pubbliċi.

Emenda 441
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku, skont dan ir-Regolament għandha tirtira dan il-permess jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija, wara konsultazzjoni mal-ESMA, skont il-paragrafu 3, jekk tkun seħħet kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	6. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku, skont dan ir-Regolament għandha tirtira dan il-permess jew kwalunkwe waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija, wara konsultazzjoni mal-ESMA ***u mal-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u tinforma, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu, lis-superviżur prudenzjali tagħha, inkluż il-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti***, skont il-paragrafu 3, jekk tkun seħħet kwalunkwe

waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 442
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun instab difett fil-funzjonament tad-DLT jew fis-servizzi u fl-attivitajiet ipprovduti ***mis-CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, li jkun joħloq riskju għall-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri jew l-istabbiltà finanzjarja, li jkun jegħleb il-benefiċċji tas-servizzi u tal-attivitajiet taħt esperimentazzjoni; jew	(a) ikun instab difett fil-funzjonament tad-DLT jew fis-servizzi u fl-attivitajiet ipprovduti ***mill-entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, li jkun joħloq riskju għall-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri jew l-istabbiltà finanzjarja, li jkun jegħleb il-benefiċċji tas-servizzi u tal-attivitajiet taħt esperimentazzjoni; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 443
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***is-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***ikun kiser*** il-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti; jew	(b) ***l-entità*** li ***tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tkun kisret*** il-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 444
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***is-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***ikun irreġistra*** strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u (2); jew	(c) ***l-entità*** li ***tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tkun irreġistrat*** strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u (2); jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 445
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***is-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***ikun qabeż*** il-limiti msemmija fl-Artikolu 3(3) u (5), it-tielet subparagrafu; jew	(d) ***l-entità*** li ***tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tkun qabżet*** il-limiti msemmija fl-Artikolu 3(3) u (5), it-tielet subparagrafu; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 446

Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-awtorità kompetenti tkun saret konxja li ***s-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT li ***jkun applika*** għal permess speċifiku biex ***iħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, ***ikun kiseb*** dan il-permess jew dawn l-eżenzjonijiet relatati abbażi ta' informazzjoni qarrieqa inkluż kwalunkwe ommissjoni materjali.	(e) l-awtorità kompetenti tkun saret konxja li ***l-entità li tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT li ***tkun applikat*** għal permess speċifiku biex ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, ***tkun kisbet*** dan il-permess jew dawn l-eżenzjonijiet relatati abbażi ta' informazzjoni qarrieqa inkluż kwalunkwe ommissjoni materjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 447
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta waqt l-attività ***tiegħu***, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jipproponi*** li ***jintroduċi*** bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tiegħu, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tiegħu jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, ***dan għandu jitlob*** tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 5. Tali permess, eżenzjoni jew modifika, għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.	7. Meta waqt l-attività ***tagħha***, ***l-entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***tipproponi*** li ***tintroduċi*** bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tiegħu, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tiegħu jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, ***din għandha titlob*** tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 5. Tali permess, eżenzjoni jew modifika, għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 448
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta waqt l-attività tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***jitlob*** permess ġdid jew eżenzjoni ġdida, ***dan għandu jitlob*** tali permess jew eżenzjoni, skont l-Artikolu 5. Tali permess jew eżenzjoni jew modifika għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.	Meta waqt l-attività tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***titlob*** permess ġdid jew eżenzjoni ġdida, ***din għandha titlob*** tali permess jew eżenzjoni, skont l-Artikolu 5. Tali permess jew eżenzjoni jew modifika għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 449
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-kontenut, il-formati standardizzati u l-mudelli għall-preżentazzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 7. ***L-ESMA għandha tissottometti dak l-***

abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa...[sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 450
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti li huma fdati bl-għoti ta' permessi speċifiċi skont dan ir-Regolament u mal-ESMA.	1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti***, inkluż, fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, is-superviżuri prudenzjali tagħhom, u inkluż il-BĊE fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** li huma fdati bl-għoti ta' permessi speċifiċi skont dan ir-Regolament u mal-ESMA.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenza superviżorja prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar kwalunkwe bidla materjali wara l-awtorizzazzjoni u jiġu nnotifikati kif xieraq. Barra minn hekk, il-forniment minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT ta' servizzi ta' CSD ewlenin għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE)

Nru 909/2014.

Emenda 451
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti li huma fdati bl-għoti ta' permessi speċifiċi skont dan ir-Regolament u mal-ESMA.	1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti***, inkluż, fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, is-superviżuri prudenzjali tagħhom, u inkluż il-BĊE fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** li huma fdati bl-għoti ta' permessi speċifiċi skont dan ir-Regolament u mal-ESMA.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 452
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti li huma fdati bl-għoti ta' permessi speċifiċi skont dan ir-Regolament	1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti li huma fdati bl-għoti ta' permessi speċifiċi skont dan ir-

u mal-ESMA. Regolament.

Or. en

Emenda 453
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, immedjatament wara li jsiru konxji ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet elenkati hawn taħt, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija u lill-ESMA, dwar dan.	B'mod partikolari, immedjatament wara li jsiru konxji ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet elenkati hawn taħt***, inklużi, fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, is-superviżuri prudenzjali tagħhom, u inkluż il-BĊE fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija u lill-ESMA, dwar dan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenza superviżorja prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar kwalunkwe bidla materjali wara l-awtorizzazzjoni u jiġu nnotifikati kif xieraq. Barra minn hekk, il-forniment minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT ta' servizzi ta' CSD ewlenin għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 454
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, immedjatament wara li	B'mod partikolari, immedjatament wara li

jsiru konxji ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet elenkati hawn taħt, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija u lill-ESMA, dwar dan.	jsiru konxji ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet elenkati hawn taħt***, inklużi, fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, is-superviżuri prudenzjali tagħhom, u inklużil-BĊE fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija u lill-ESMA, dwar dan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 455
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, immedjatament wara li jsiru konxji ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet elenkati hawn taħt, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija u lill-ESMA, dwar dan.	B'mod partikolari, immedjatament wara li jsiru konxji ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet elenkati hawn taħt, l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jinnotifikaw, lill-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti msemmija u lill-ESMA, dwar dan.

Or. en

Emenda 456
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku u lill-	2. L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku u lill-

ESMA bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li dawn jistgħu jeħtieġu.	ESMA bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li dawn jistgħu jeħtieġu. ***Fil-każ ta' SSS tad-DLT jew MTF tad-DLT li tipprovdi servizzi ta' CSD ewlieni, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat informazzjoni dwar il-funzjonament tas-sistema ta' saldu tat-titoli lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 malajr kemm jista' jkun.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 457
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku u lill-ESMA bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li dawn jistgħu jeħtieġu.	2. L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku u lill-ESMA bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li dawn jistgħu jeħtieġu. ***Fil-każ ta' SSS tad-DLT jew TSS tad-DLT, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat informazzjoni dwar il-funzjonament tas-sistema ta' saldu tat-titoli lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 malajr kemm jista' jkun.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenza superviżorja prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar kwalunkwe bidla materjali wara l-awtorizzazzjoni u jiġu nnotifikati kif xieraq. Barra minn hekk, il-forniment minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT ta'

servizzi ta' CSD ewlenin għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 458
Jonás Fernández, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull sitt xhur mid-data tal-permess speċifiku, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jissottometti rapport lill-awtorità kompetenti u lill-ESMA. ***Dan ir-rapport*** għandu ***jinkludi, mingħajr limitazzjoni:***	4. Kull sitt xhur mid-data tal-permess speċifiku, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jissottometti rapport lill-awtorità kompetenti ***inkluż, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżur prudenzjali tagħha, u inkluż il-BĊE fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti,*** u lill-ESMA. ***Fil-każ ta' sistema ta' saldu ta' titoli tad-DLT jew MTF tal-DLT li tipprovdi servizzi ta' CSD ewlieni, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 malajr kemm jista' jkun.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 459
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull sitt xhur mid-data tal-permess speċifiku, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jissottometti rapport ***lill-awtorità*** kompetenti ***u lill-ESMA***. Dan	4. Kull sitt xhur mid-data tal-permess speċifiku, l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jissottometti rapport ***lill-awtoritajiet*** kompetenti ***inkluż, fil-każ***

ir-rapport għandu jinkludi, mingħajr limitazzjoni:	***ta' istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżur prudenzjali tagħha, u inkluż il-BĊE fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, u lill-ESMA. Fil-każ ta' SSS tad-DLT jew TSS tad-DLT, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 malajr kemm jista' jkun***. Dan ir-rapport għandu jinkludi, mingħajr limitazzjoni:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment li sar fl-opinjoni tal-BĊE. Fid-dawl tal-kompetenza superviżorja prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-BĊE għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE għandhom jinżammu infurmati dwar kwalunkwe bidla materjali wara l-awtorizzazzjoni u jiġu nnotifikati kif xieraq. Barra minn hekk, il-forniment minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT ta' servizzi ta' CSD ewlenin għandu jirrikjedi valutazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-banek ċentrali tas-SEBĊ, f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 460
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTF tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn ***CSD*** li ***jħaddem*** sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati minn ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li jopera f'MTF tad-DLT;	(b) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTF tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn ***entità*** li ***tħaddem*** sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati minn ***entità*** li ***taħdem*** f'MTF tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 461
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTF tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn CSD li jħaddem ***sistemi ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera f'MTF tad-DLT;	(b) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTF tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn CSD li jħaddem ***SSSs*** tad-DLT, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera f'MTF tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 462
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTF tad-DLT u saldati jew minn ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li ***jħaddem l-MTF*** tad-DLT;	(c) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTF tad-DLT u saldati jew minn ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn ***entità*** li ***tħaddem MTF*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 463
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTF tad-DLT u saldati jew minn CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT;	(c) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTF tad-DLT u saldati jew minn CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ***MTF*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 464
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-ESMA għandha tagħmel ir-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha.

Or. en

Emenda 465
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-ESMA għandha taqdi rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, bil-għan li jinbena fehim komuni tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit u tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT kif ukoll kultura superviżorja komuni u prattiki superviżorji konverġenti, u dan jiżgura approċċi konsistenti u konverġenza fir-riżultati superviżorji.	5. L-ESMA għandha taqdi rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, bil-għan li jinbena fehim komuni tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit u tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT kif ukoll kultura superviżorja komuni u prattiki superviżorji konverġenti, u dan jiżgura approċċi konsistenti u konverġenza fir-riżultati superviżorji. ***L-ESMA għandha toħloq kumitat konsultattiv ad hoc fil-forma ta' grupp ta' partijiet ikkonċernati, li jlaqqa' flimkien rappreżentanti kemm tal-partijiet ikkonċernati kif ukoll privati għal perjodu ta' żmien limitat ekwivalenti għat-tul ta' żmien tal-operat tar-reġim pilota. Il-Kumitat konsultattiv ad hoc għandu jwettaq il-ħidma preparatorja u konsultattiva meħtieġa biex jappoġġja lill-ESMA fil-ħruġ tar-rakkomandazzjonijiet previsti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, billi jibgħat dikjarazzjoni bil-miktub lill-ESMA li tistabbilixxi r-raġunijiet għal riffjut ta' eżenzjoni, jew għal permess li l-kumitat iqis li mhuwiex motivat biżżejjed jew mhux adatt għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-Kumitat konsultattiv ad hoc għandu jeżamina l-ilmenti ppreżentati direttament lill-ESMA f'każijiet fejn applikant iqis li t-talba għal eżenzjoni jew permess tiegħu biex jipparteċipa fl-ambitu tar-reġim pilota ġiet miċħuda b'mod mhux xieraq mill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti tiegħu. Sabiex jiġi evitat li l-applikanti jippreżentaw ilmenti abbużivi quddiem l-ESMA, għandhom jiġu analizzati biss l-ilmenti kompluti u dokumentati sew mibgħuta lill-kumitat konsultattiv. Il-Kumitat konsultattiv ad hoc jista' jitlob li jitqassar id-dewmien fit-trażmissjoni wara t-tweġiba tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni rilevanti u jista' jitlob ukoll li jintbagħat sett ta' dokumentazzjoni lill-kumitat konsultattiv,***

inkluż b'mod partikolari sommarju tal-attivitajiet tal-applikant u l-eżenzjoni(jiet) mitluba. Id-dokumenti rilevanti sottomessi, kif ukoll id-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni li tirrifjuta l-eżenzjoni(jiet) u/jew il-permess mitluba, għandhom jiġu tradotti għall-Ingliż.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Azzjoni 16 tal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid tas-CMU tal-Kummissjoni. Bil-għan li jkun hemm konverġenza, konsistenza u proporzjonalità ta' natura superviżorja fl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan ir-Regolament minn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni differenti madwar l-Unjoni, li ma jistgħux jikkondividu l-istess livell ta' ffrankar tat-teknoloġija, u b'hekk irawmu kundizzjonijiet ekwi u jiskoraġġixxu l-arbitraġġ regolatorju, huwa ssuġġerit rwol imsaħħaħ għall-ESMA. Jiġifieri, l-ESMA għandha toħroġ rakkomandazzjoni minflok opinjoni mhux vinkolanti.

Emenda 466
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Ir-rapportar ta' ksur u protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw
	Id-Direttiva (UE) 2019/1937 għandha tapplika għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur bħal dan.
	L-ESMA għandha tipprovdi mezz ta' komunikazzjoni sigur wieħed jew aktar għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/1937.

Or. en

Emenda 467
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni*** dwar:	1. ***L-ESMA għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri lill-Kummissjoni sa... [Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-perjodu ta' tliet snin għall-valutazzjoni tal-ħruġ bikri tiġi kkalkulata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u b'hekk tinkludi l-perjodu ta' 12-il xahar meħtieġ għat-tħejjija tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji, kif previst f'dan ir-Regolament] u, jekk ir-reġim preskritt f'dan ir-Regolament ma jintemmx sa dak iż-żmien, rapport finali*** sa mhux aktar tard minn ***[***ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***]*** dwar:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jistħoqqilhom valutazzjoni bikrija mill-ESMA li tinforma u tagħti pariri lill-Kummissjoni, biex tippreżenta lill-PE u lill-Kunsill valutazzjoni dwar aġġustament potenzjali jew twaqqif tar-reġim pilota tad-DLT wara tliet snin. F'każ li r-reġim pilota jiġi deċiż li jitwaqqaf bil-għan li ssir tranżizzjoni għal qafas regolatorju permanenti ġdid, il-permessi permanenti mogħtija skont dan ir-Regolament għandhom jiġu adattati għall-qafas regolatorju l-ġdid wara l-aġġustamenti kollha meħtieġa.

Emenda 468
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta	1. Sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta

rapport lill-Kummissjoni dwar:	rapport ***komprensiv*** lill-Kummissjoni dwar:

Or. en

Emenda 469
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa mhux aktar tard minn ***ħames snin*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar:	1. Sa mhux aktar tard minn ***sentejn*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar:

Or. en

Emenda 470
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sa mhux aktar tard minn ħames*** snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar:	1. ***Ħames*** snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar:

Or. en

Emenda 471
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' MTFs tad-DLT u ***CSDs*** li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT li jkunu ngħataw permess speċifiku skont dan ir-Regolament;	(b) l-għadd ta' MTFs tad-DLT u ***entitajiet*** li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT li jkunu ngħataw permess speċifiku skont dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 472
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' MTFs tad-DLT u CSDs li jħaddmu ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT li jkunu ngħataw permess speċifiku skont dan ir-Regolament;	(b) l-għadd ta' MTFs tad-DLT u CSDs li jħaddmu ***SSS*** tad-DLT li jkunu ngħataw permess speċifiku skont dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 473
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTFs tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn ***CSDs*** li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u fejn ikun	(d) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTFs tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn ***entitajiet*** li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u fejn

applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati mill-MTFs tad-DLT;	ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati mill-MTFs tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 474
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTFs tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn CSDs li jħaddmu ***sistemi ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati mill-MTFs tad-DLT;	(d) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTFs tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn CSDs li jħaddmu ***SSS*** tad-DLT, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati mill-MTFs tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 475
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTFs tad-DLT u saldati jew minn ***CSDs*** li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn MTFs tad-DLT;	(e) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTFs tad-DLT u saldati jew minn ***entitajiet*** li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn MTFs tad-DLT;

Or. en

Emenda 476
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTFs tad-DLT u saldati jew minn CSDs li jħaddmu ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn MTFs tad-DLT;	(e) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTFs tad-DLT u saldati jew minn CSDs li jħaddmu ***SSS*** tad-DLT, jew fejn ikun applikabbli, minn MTFs tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 477
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikoku 10 - paragrafu 1 - punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) kwalunkwe riskju ppreżentat bl-użu ta' DLT;	(h) kwalunkwe riskju ppreżentat bl-użu ta' DLT ***għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja, inklużi tipi ġodda ta' riskji legali, sistemiċi u operazzjonali, li mhumiex indirizzati biżżejjed mir-regoli eżistenti u kwalunkwe effett mhux intenzjonat fuq il-likwidità u l-volatilità u l-istabbiltà finanzjarja***;

Or. en

Emenda 478
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikoku 10 - paragrafu 1 - punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) kwalunkwe riskju ***ppreżentat*** bl-użu ta' DLT;	(h) kwalunkwe riskju***, vulnerabbiltà u ineffiċjenzi ppreżentati*** bl-użu ta' DLT;

Or. en

Emenda 479
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) ir-riskji ta' arbitraġġ regolatorju jew kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwi meta mqabbla mal-infrastruttura tas-suq mhux tad-DLT;

Or. en

Emenda 480
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) ***il-benefiċċji*** li ***jirriżultaw*** mill-użu ta' DLT, f'termini ta' kwalunkwe titjib fl-effiċjenza u tnaqqis tar-riskju fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;	(j) ***kwalunkwe benefiċċju*** li ***jirriżulta*** mill-użu ta' DLT, f'termini ta' ***likwidità u finanzjament addizzjonali għal negozji ġodda u SMEs,*** kwalunkwe titjib ***fis-sikurezza u*** fl-effiċjenza u tnaqqis tar-riskju fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet ***u l-***

konformità msaħħa mal-klijent tiegħek u l-proċessi ta' kontra l-ħasil tal-flus, azzjonijiet korporattivi ***u l-eżerċizzju dirett tad-drittijiet tal-investituri permezz ta' kuntratti intelliġenti***, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;

Or. en

Emenda 481
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) il-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT, f'termini ta' kwalunkwe titjib fl-effiċjenza u ***tnaqqis*** tar-riskju fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;	(j) il-benefiċċji ***u l-ispejjeż*** li jirriżultaw mill-użu ta' DLT, f'termini ta' kwalunkwe titjib fl-effiċjenza***, il-konsum tal-enerġija*** u ***l-mitigazzjoni*** tar-riskju fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;

Or. en

Emenda 482
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) il-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT, f'termini ta' kwalunkwe titjib fl-effiċjenza u ***tnaqqis*** tar-riskju fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward	(j) il-benefiċċji ***u l-ispejjeż*** li jirriżultaw mill-użu ta' DLT, f'termini ta' kwalunkwe titjib fl-effiċjenza u ***l-mitigazzjoni*** tar-riskju fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż

tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;	mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 483
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(la) l-implikazzjonijiet potenzjali li jirriżultaw minn żieda fil-limiti msemmija fl-Artikolu 3, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari kunsiderazzjonijiet sistemiċi u tipi differenti ta' DLT;

Or. en

Emenda 484
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(la) valutazzjoni ġenerali tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġett pilota u rakkomandazzjoni dwar jekk għandux jitkompla r-reġim pilota jew le u f'liema kundizzjonijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li tiżen il-punti individwali, l-ESMA għandha tipprovdi valutazzjoni ġenerali u rakkomandazzjoni dwar kif wieħed għandu jipproċedi.

Emenda 485
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***li jinkludi analiżi kost-benefiċċji dwar jekk ir-reġim għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT skont dan ir-Regolament jenħtieġx li:***	2. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***li juri kif beħsiebha tinkorpora t-tagħlimiet meħuda fil-leġiżlazzjoni eżistenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandha twettaq ir-rapport bil-ħsieb li tistabbilixxi liema riskji ġodda huma ppreżentati minn dawn l-FMIs u liema emendi huma meħtieġa biex jiġu integrati (jikkonverġu) fl-ambjent eżistenti, filwaqt li jitqiesu l-fatturi kollha li jirriżultaw. Approċċ bħal dan ikun konformi mal-prinċipju tan-"newtralità teknoloġika" li ġie adottat mill-Pakkett dwar il-Finanzi Diġitali, li jintuża wkoll fil-proposta MiCA.

Emenda 486
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Abbażi ***tar-rapport imsemmi*** fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi analiżi kost-benefiċċji dwar jekk ir-reġim għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT skont dan ir-	2. Abbażi ***tar-rapporti msemmija*** fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi kull rapport,*** li jinkludi analiżi kost-benefiċċji dwar jekk ir-reġim għall-

Regolament jenħtieġx li:	infrastrutturi tas-suq tad-DLT skont dan ir-Regolament jenħtieġx li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost li tiġi stabbilita skadenza għall-Kummissjoni biex tippreżenta r-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 487
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiġi estiż għal perjodu ieħor;	***imħassar***

Or. en

Emenda 488
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiġi estiż għal perjodu ieħor;	(a) jiġi estiż għal perjodu ieħor ***ta' sentejn, fil-każ tar-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri msemmi fl-Artikolu 10(1)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mal-valutazzjoni proposta tal-ESMA dwar il-ħruġ bikri tal-Artikolu 10(1).

Emenda 489
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġi estiż għal tipi oħra ta' strumenti finanzjarji li jistgħu jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti jew jinħażnu f'DLT;	***imħassar***

Or. en

Emenda 490
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiġi emendat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 491
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) isir permanenti b'emendi jew mingħajrhom; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 492
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) isir permanenti b'emendi jew mingħajrhom; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 493
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) isir permanenti ***b'emendi jew mingħajrhom***; jew	(d) isir permanenti ***permezz ta' modifiki xierqa fil-qafas tal-Unjoni dwar il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji***; jew

Or. en

Emenda 494
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) isir permanenti ***b'emendi jew mingħajrhom; jew***	(d) isir permanenti ***billi l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji tiġi adattata kif xieraq*;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi evitat li jkun hemm żewġ reġimi paralleli. Għalhekk, jekk il-proġett pilota jirriżulta li jkun ta' suċċess, id-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni.

Emenda 495
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jintemm.	***imħassar***

Or. en

Emenda 496
Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni tista' tipproponi kwalunkwe modifika xierqa għall-qafas tal-Unjoni dwar il-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji jew l-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li tiffaċilita l-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-settur finanzjarju kif ukoll kwalunkwe miżura meħtieġa biex issir it-tranżizzjoni tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT barra mir-reġim pilota.	***imħassar***

Or. en

Emenda 497
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 10a

Rapporti interim

L-ESMA għandha tippubblika rapporti interim annwali sabiex tipprovdi lill-parteċipanti fis-suq informazzjoni dwar il-funzjonament tas-swieq, tindirizza l-imġiba ħażina tal-operaturi, tipprovdi kjarifiki dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u taġġorna l-indikazzjonijiet preċedenti abbażi tal-evoluzzjoni tad-DLT. Dawk ir-rapporti għandhom jipprovdu wkoll deskrizzjoni ġenerali tar-reġim pilota li jiffoka fuq ix-xejriet u r-riskji emerġenti u għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-ewwel rapport bħal dan għandu jiġi ppubblikat... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 498
Antonio Maria Rinaldi, Francesca Donato, Valentino Grant, Marco Zanni, Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Meta l-ESMA tqis li jkun meħtieġ, hija tista' tipprevedi l-pubblikazzjoni ta' rapporti interim biex il-parteċipanti fis-suq jiġu pprovduti informazzjoni dwar il-funzjonament tas-swieq, biex tiġi indirizzata l-imġiba ħażina tal-parteċipanti fis-suq, biex tingħata kjarifika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu u biex tiġi aġġornata l-gwida preċedenti abbażi tal-evoluzzjoni fit-teknoloġija tad-DLT.

Or. it

Emenda 499
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Rieżami Perjodiku
	Sa mhux aktar tard minn sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull sena wara, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jenfasizza x-xejriet, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet l-aktar importanti b'rabta mal-proġett pilota.

Or. en